

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/910

tad-9 ta' Ġunju 2016

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2092/91 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 (²) jistabbilixxi lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħorġu c-ċertifikati fpajjiżi terzi għall-iskop ta' ekwivalenza.
- (2) Il-perjodu tar-rikonoxximent ta' diversi korpi tal-kontroll skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jintem fit-30 ta' Ġunju 2016. Skont ir-riżultati tas-sorveljanza kontinwa tal-Kummissjoni, ir-rikonoxximent tal-korpi tal-kontroll "AsureQuality Limited", "Balkan Biocert Skopje", "Bio.inspecta AG", "IMO-Control Sertifikasyon Tic. Ltd Šti", "Organic Control System" u "TÜV Nord Integra" għandu jiġi mtawwal sat-30 ta' Ġunju 2018.
- (3) Għaldaqstant, l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, fl-entrati dwar "AsureQuality Limited", "Balkan Biocert Skopje", "Bio.inspecta AG", "IMO-Control Sertifikasyon Tic. Ltd Šti", "Organic Control System" u "TÜV Nord Integra", id-data tat- "30 ta' Ġunju 2016" fil-punt 5 hija sostitwita bit- "30 ta' Ġunju 2018".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-sejj fis-seba' jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 189, 20.7.2007, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠUL 334, 12.12.2008, p. 25).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
